MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 188/2004

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta’ Louis Camilleri u l-istess Louis Camilleri (ID699655M)**

**Vs**

**Lautier Michael**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ Jannar 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm366.37 (tlett mija sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u tletin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f’incident stradali li sehh nhar l-20 ta’ Awissu 2003 gewwa l-Gzira.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh il-Gzira fl-20 ta' Awissu 2003 bejn Van Isuzu nru CAS 934 misjuq mill-konvenut u Mazda BAP 825 misjuqa minn Sandro Camilleri u kkundanna lill-konvenut li jhallas, in linea ta' danni, Lm331.37 lil Untours Insurance Agents Ltd noe u Lm35 lil Louis Camilleri.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-llum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:

It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda htija tal-konvenut, izda sehh unikament b'tort ta' Sandra Camillirei illi kienet qed issuq il-vettura attrici fil-hin ta' l-incident, kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kollizzjoni tikkoncerna habta li saret bejn zewg vetturi hdejn ir-roundabout ta' Regional Road, indikata bhala fejn kien it-tank tal-gas. Roundabout li taghti ghal San Gwann, St Andrews u ghal Gzira. Din ir-roundabout fiz-zmien li kienu jithadmu l-lights ghax il-llum huwa ben not li l-lights ma ghadhomx jithadmu biex jidderigu t-traffiku lejn ambjenti kienet tohloq sitwazzjoni fejn il-vetturi kienu jieqfu fuq ir-roundabout zewg postijiet, wahda mid-direzzjoni ta' l-Imsida lejn Saint Andrews biex jaghtu precedenza lit-traffiku li jkun gej mix-xellug taghhom biex imur lejn jew Saint Andrews jew lejn Gzira jew Sliema u traffiku bejn wiehed u iehor li jieqaf fuq ir-roundabout biex ikunu jistghu jiksru lejn il-Gzira jew biex iduru lura u jmorru lura lejn id-direzzjoni ta' l-Imsida.

L-attur jghid illi huma kienu weqfin fuq l-ewwel traffic light, peress imma li riedu jmorru fuq ix-xellug bl-indicator mixghul biex imorru lejn Saint Andrews dana ma setghux

jaghmlu ghax kien hemm it-traffiku quddiehom li ried imur ghan-naha tal-Gzira. Dan huwa konfermat anka mix-xhieda ta’ Sharon Cordina, passiggiera fl-istess vettura a Fol 25 tal-process. Il-konvenut li f’dawn il-proceduri ma giex prodott biex jaghti x-xhieda tieghu, izda xehed il-passiggier Noel Borg, li xehed a Fol 29 tal-process. Dan stqarr illi gejjin mid-direzzjoni ta’ San Gwann riedu jmorru lejn Sliema Road Gzira peress li l-imghallem tal-van huwa armat f’dawk l-akwati, u kif kienu qed iduru qalghu daqqa minghand il-vettura attrici.

Illi anki l-mod kif il-vettura attrici soffriet id-daqqa taghha fuq ix-xellug u kif xehed l-istess xhud prodott mill-istess konvenut, cioe Noel Borg fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2005, il-vettura attrici spiccat taht l-genb tal-lemin tal-vettura konvenuta.

Jirrizulta li l-vettura attrici gia kienet fuq ir-roundabout wara li qabzet l-ewwel traffic light kif gia inghad biex tmur fid-direzzjoni ta’ Saint Andrews. Il-vettura konvenuta giet kif gia inghadd min-naha tax-xellug ossia mit-triq ta’ San Gwann u kien qed jinnavika mar-roundabout biex jikser lejn il-Gzira. Ghandhu jinghad illi meta gia hemm vettura mar-roundabout specjalment f’dak iz-zmien tat-traffic lights. Kull traffiku iehor li jrid jidhol fuq ir-roundabout kellhu jaghti precedenza lil dak it-traffiku li gia kien fuq ir-roundabout u ried jitlaq mir-roundabout. Iz-zewg indikazzjonijiet kienu opposti ghal xulxin, f’dan il-kaz, il-vettura konvenuta kellha taghti d-dritta lil vettura attrici li riedet titlaq mir-roundabout, haga li l-konvenut naqas li jaghmel u ghalhekk ghandhu jirrispondi ghal-istess sinistru. Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm366.37) lill-atturi u bl-ispejjes u nteressi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------